MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru. 267/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**AARON ATTARD HILI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AARON ATTARD HILI** bin Emanuel u Cristina nee Axiaq, imwieled nhar t-tlettax ta’ Gunju 1966 u residenti 31, Flat 4, Triq taht Putirjal, Rabat, Ghawdex, gie mressaq quddiemha fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru: XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fil-hamsa ta’ Novembru 2004, naqas li jaghti

jew li jipproduci ricevuta ta’ taxxi f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti numru 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma’ l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru: XXIII tal-1998.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe lil Pauline Mercieca u lil Paul Scicluna bhala rappresentanti tal-VAT.

Semghet wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat presentata fl-atti kif wkoll dik responsiva tal-Kummissarju tal-VAT.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien ta servizz legali lil Pauline Mercieca fis-sena 2002 u meta thallas minghandha s-somma ta’ tlett mija tlieta w tmenin lira maltin u hamsin centezmu [LM383.50], huwa ma tahiex ricevuta qabel ma ntervjena d-Dipartiment tal-VAT.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Pauline Mercieca li s-servizz li taha l-imputat kien wiehed komplet u meta hallsitu, kienet hallsitu ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tieghu.

Illi ghalhekk jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li sar servizz, sar hlas ghas-saldu u ricevuta m’inhargitx mill-imputat.

L-imputat spjega li fil-fehma tieghu, huwa kellu johrog ricevuta darba biss meta jkun ghamel s-servizz kollu, ghalkemm jikkonferma li makienx ghad baqgahlu jircievi flus minghandha.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Erbatax il-Skeda partita numru 2(2) li jghid li provvista ta’ servizzi professjonali ghandha titqies li tkun saret fiz-zmien li jigi l-izjed kmieni:

1. mid-data li fattur ta’ taxxa jew ricevuta fiskali skond l-kaz tinhareg ghal imsemmija provvista, sal-limitu nkluz f’dik il-fattura jew ricevuta;

2. id-data meta jsir hlas gal dik il-provvista sal-limitu ta’ dak l-hlas.

Illi ghalhekk l-Kummissarju tal-VAT jghid fin-nota tieghu li l-ligi tistabilixxi *tax point* li minghajr dubbju huwa l-mument li fih jigi determinat meta u kif ghandha tinhareg r-ricevuta odjerna.

Illi f’dan il-kaz, z-zmien l-aktar kmieni kien dak meta l-imputat effettivament thallas minghand Pauline Mercieca s-somma ta’ tlett mija tlieta w tmenin lira maltin u hamsin centezmu [LM383.50] u kien dakinhar li l-imputat kellu johrog ricevuta.

Ghalhekk, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 51 u 77(a) u (e) u 82(2) tal-Att numru XXIII tas-sena 1998, **tiddikjara li qed ssib lil imputat AARON ATTARD HILI hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta' mija u hamsin [150] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------